**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Ottubru 2008 — Austrian Relief Programm vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-235/06)** [1]

***("Rikors għal annullament — Finanzjament Komunitarju ta' operazzjoni għat-titjib tal-kundizzjonijiet ta' għixien fl-ex Jugoslavja bil-għan li jiġi inkoraġġit ir-ritorn tar-refuġjati u tal-persuni spostati — Programm Obnova — Klawżola ta' arbitraġġ — Nota ta' debitu — Inammissibbiltà")***

(2008/C 327/46)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Austrian Relief Programm — Verein für Not- und Katastrophenhilfe (Innsbruck, l-Awstrija) (rappreżentant: C. Leyroutz, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Šimerdová, aġent, assistit minn R. Bierwagen, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tan-nota ta' debitu tal-4 ta' Mejju 2006 li permezz tagħha l-Kummissjoni ordnat lir-rikorrent jirrifondi l-ammonti mħallsa b'eżekuzzjoni tal-kuntratt dwar il-finanzjament Komunitarju tal-proġett "Republika Srpska 1998: Titjib tal-kundizzjonijiet ta' għixien bil-għan li jiġi inkoraġġit ir-ritorn tar-refuġjati u tal-persuni spostati" (Kuntratt Nru RE/YOU/03/04/98), konkluż fil-kuntest tal-programm Obnova.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Austrian Relief Programm — Verein für Not- und Katastrophenhilfe huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 261, 28.10.2006.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-20 ta' Ottubru 2008 — BOT Elektrownia Bełchatów *et* vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

**(Kawża T-208/07)** [1]

***("Rikors għal annullament — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra' — Pjan nazzjonali ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjoni għall-Polonja għall-perijodu mill-2008 sal-2012 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet permezz ta' ċerti kundizzjonijiet — Kompetenza tal-Istati Membri fit-tqassim individwali tal-kwoti ta' emissjoni — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà")***

(2008/C 327/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* BOT Elektrownia Bełchatów S.A. (Rogowiec, il-Polonja); BOT Elektrownia Turów S.A. (Bogatynia, il-Polonja); BOT Elektrownia Opole S.A. (Brzezie, il-Polonja); Elektrownia "Kozienice" S.A (Świerże Górne, il-Polonja); Elektrownia Połaniec S.A. — Grupa Electrabel Polska (Połaniec, il-Polonja); Elektrownia "Rybnik" S.A. (Rybnik, il-Polonja); Elektrownia Skawina S.A. (Skawina, il-Polonja); Elektrownia "Stalowa Wola" S.A. (Stalowa Wola, il-Polonja); Południowy Koncern Energetyczny S.A. (Katowice, il-Polonja); Zespół Elektrowni Dolna Odra S.A. (Nowe Czarnowo, il-Polonja); Zespół Elektrowni Ostrołęka S.A. (Ostrołęka, il-Polonja); u Zespół Elektrowni Pątnów-Adamów-Konin S.A. (Konin, il-Polonja) (rappreżentanti: B. Krużewski, M. Ciemiński, J. Młot-Schönthaler, N. Dodoo u S. Boullart, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u D. Lawunmi, aġenti)

*Partijiet intervenjenti in sostenn tar-rikorrenti:* Elektrociepłownia "Będzin" S.A. (Będzin, il-Polonja); Zespół Elektrociepłowni Bydgoszcz S.A. (Bydgoszcz, il-Polonja); Zespół Elektrociepłowni Bytom S.A. (Bytom, il-Polonja); Elektrociepłownia Białystok S.A. (Białystok, il-Polonja); Elektrociepłownia "Gorzów S.A." (Gorzów, il-Polonja); Elektrociepłownia Kalisz-Piwonice S.A. (Kalisz, il-Polonja); Elektrociepłownia "Kraków" S.A. (Cracovie, il-Polonja); Dalkia Łódź S.A. (Łódź, il-Polonja); Dalkia Poznań Zespół Elektrociepłowni S.A. (Poznań, il-Polonja); Elektrociepłownia Tychy S.A. (Tychy, il-Polonja); Zespół Elektrociepłowni Wrocławskich Kogeneracja S.A. (Wrocław, il-Polonja); Elektrociepłownie Wybrzeże S.A. (Gdańsk, il-Polonja); Elektrociepłownia Zabrze S.A. (Zabrze, il-Polonja); u Elektrociepłownia "Zielona Góra" S.A. (Zielona Góra, il-Polonja) (rappreżentanti: B. Krużewski, M. Ciemiński, J. Młot-Schönthaler, N. Dodoo u S. Boullart, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 1295, tas-26 ta' Marzu 2007, dwar il-pjan nazzjonali ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra nnotifikat mir-Repubblika tal-Polonja għall-perijodu mill-2008 sal-2012 skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE, tat-12 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, p. 32).